# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 645/2020

**Il-Pulizja**

**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**Vs**

**Kevin Azzopardi**

Seduta tal-24 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kevin Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' numru 168676M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Novembru 2020 ghall-habta tal-4:15am gewwa Telghet il-Kurcifiss il-Furjana;

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin centeżmu (232.94) u huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz ghad-dannu ta' sid/sidien mhux maghrufa u dan ai termini tal-artikoli 270 u 278 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq bieba ta' nicca liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin euro (250) ghad-detriment ta' sid/sidien mhux magħrufa u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(c) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Bhala persuna kkundannata f'Malta ghal serq, jew ricettazzjoni, nstab fil pussess ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija ghandha titratta mal-imputat li irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Settembru 2021 li biha sabet lil Kevin Azzopardi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u kkundannatu piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas z-zmien gia skontat taht arrest preventiv. Il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Habs jaghti lill-imputat l-ghajnuna kollha possibli, dejjem sa fejn ikun hemm rieda tal-imputat, sabiex matul l-iskontar tas-sentenza tieghu,

huwa jiehu l-ghajnuna possibli kollha biex jindirizza l-vizzju tieghu tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Azzopardi pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2021, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** in kwantu s-sejbien ta' htija, **tvarjaha** in kwantu ghall-piena, billi minflok il-piena nflitta tissostitwiha b'piena aktar miti, ekwa u gusta skont il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet fis-sottomisjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell fuq il-piena erogata mill-ewwel Qorti li fih l-appellant ressaq argument biex juri li piena karcerarja ma kienitx indikattiva ghal-kaz tieghu. L-appellant rrimarka li hassu tassew sorpriz bil-piena kominata ghaliex mill-atti processwali kollox kien jindika li piena karcerarja ma kienitx idonea fic-cirkostanzi;

2. Illi minn dak li tista' tifhem il-Qorti, ghaliex l-atti huma privi minn dettalji necessarji stante ammissjoni fl-ewwel udjenza, l-

appellant kien intercettat mill-pulizija waqt serqa ta' flus minn nicca u li sabiex jiehu l-flus minnha ghamel hsara lill-istess. Meta tressaq il-Qorti b'din l-imputazzjoni huwa ammetta minnufih u talab li jsir *pre sentencing report* qabel tinghata sentenza fil-konfront tieghu. Wara li sar dan ir-rapport, xehedu sia Ufficcjal tal-Probation kif ukoll rapprezentant tal-Caritas dwar il-qaghda li jinsab fiha l-imputat fejn din tirrigwarda riforma ghaliex dan mhux l-ewwel kaz tieghu li hu dovut ghall-vizzju tal-uzu ta' droga. Mill-*pre sentencing report* hareg car illi l-imputat kien qed jeskludi li jissottometti ruhu ghal-programm residenzjali sabiex jehles mill-vizzju ta' droga;

3. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa r-ragunijiet mressqa mill-appellant ghaliex ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena kominata mill-ewwel Qorti, izda qabel kull konsiderazzjoni ohra irid jinghad minghajr tlaqlieq illi din il-Qorti ftit, jekk qatt, rat sentenza fejn il-Qorti taghmel kunsiderazzjonijiet daqshekk fit-tul u meqjusa dwar il-piena li ghandha tkun erogata. Haga din li timmerita ezaltazzjoni anke ghaliex b'hekk persuna imputata tkun taf x'wassal lil din il-Qorti ghal-konkluzzjoni taghha. Jemergi illi l-appellant ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fl-ewwel udjenza. Is-sentenza appellata kienet prolatata disa' xhur wara peress illi kellu jithejja l-*pre sentencing report* u kellhom jixhdu xhieda in rigward. Issa huwa palezi illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan. L-imputat kien passibbli ghal-piena ta' minimu ta' ghaxar xhur prigunerija sakemm l-ewwel Qorti ma tghazilx li zzid il-piena bi tlett gradi kif kienet libera li taghmel fit-termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali la darba kien jirrizulta fil-konfront tieghu l-addebitu ta' recidiva

fis-serq ghal-aktar minn darbtejn kif jipprovdi dan l-istess artikolu;

4. Illi r-reat ta' serq bil-kwalifika tal-mezz u tal-hin, 'l hinn mill-addebitu tar-recidiva, huwa punibbli bi prigunerija minn hames xhur sa tlett snin b'dan illi piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha. Dan allura jdahhal fis-sehh l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-piena ghandha tinkludi tal-anqas terz tad-differenza bejn il-massimu u l-minimu li allura jissarrfu f'ghaxar (10) xhur prigunerija. Ifisser dan illi l-ewwel Qorti, anke jekk rrizultalha l-addebitu tar-recidiva fl-artikoli 49 u 50 u dak fir-recidiva tas-serq fl-artikolu 289 mhux biss ma zieditx il-piena bil-possibbli tlett gradi izda erogat piena taht il-minimu disponibbli. Dwar dan, izda, ma hemm l-ebda appell mill-Avukat Generali;

5. L-appellant jilmenta illi huwa sorpriz bil-piena erogata ghaliex, skont hu, kollox kien jindika li kellu jinghata piena ta' supervizjoni. Bid-dovut rigward u minn qari tar-rapport u b'mod partikolari dwar dik il-parti li titratta dwar ir-riabilitazzjoni tal-imputat jemergi illi l-imputat jeskludi l-possibilita' li jidhol fi programm residenzjali. Ghalkemm din mhix l-unika triq li biha jista' jfittex ir-riabilitazzjoni tieghu hija certament *a window of opportunity* mitlufa u eskluza minnu stess. L-appellant jistrieh fuq dak li xehedet rapprezentanta tal-Caritas izda anke hawn, il-Qorti ma tistax tifhem kif din ix-xhud tista' tikkonkludi li kien hemm kambjament fl-attitudini tal-imputat meta l-Ufficcjal tal-Probation inkarigata appozitament biex thejji *pre sentencing report* tghid proprju l-kontra;

6. L-appellant jikritika ukoll l-operat tal-ewwel Qorti fejn din naqset milli tiehu konjizzjoni tal-allegazzjoni li l-parte civile kienet irrinunzjat ghall-proceduri kriminali. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dawn il-proceduri huma *ex officio*. Oltre minn dan, osservat ukoll illi dik kienet dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni minghjar qatt ma ngieb xi hadd quddiemha sabiex jikkonferma l-istess. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-appellant jiddikjara ruhu sorpriz b'dan l-*iter* ghaliex wara kollox l-ewwel Qorti mxiet b'mod korrett kif titlob il-ligi anke ghal fini ta' trasparenza;

7. L-appellant iccita sentenzi ta' din il-Qorti fejn appellanti inghataw opportunita' li jirriformaw rwiehom bi bdil ta' sentenzi ta' prigunerija f'pieni alternattivi. L-Qorti ezaminat dawk is-sentenzi u hi tal-fehma li l-motivazzjoni murija f'dawk l-appellanti kienet diversa minn dik tal-appellant odjern li ma ressaq l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha b'mod eccezzjonali tirriforma s-sentenza appellata kwantu l-piena. Dak li jemergi minn qari akkurat tal-atti processwali hu li l-appellant ma huwiex kandidat tajjeb sabiex ikunu applikati fil-konfront tieghu pieni alternattivi ghall-inkarcerazzjoni, almenu ghalissa, u sakemm jifhem li l-Qrati investew hafna hin u rizorzi fir-riabilitazjoni tieghu li hu ma gharafx jisfrutta.

8. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.